MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2007

Numru 1022/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**v**

**NOEL SALIBA**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **NOEL SALIBA** ta' wiehed u tletin sena bin Valentino u Mary nee Fenech, imwieled Pieta nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 1974 u residenti 3, Triq s-Sarsella l-Hamra, Hal Luqa, detentur tal-karta tal-identita numru 1375M gie mressaq quddiem din il-Qorti flimkien ma Alistaire Camilleri, akkuzat talli fit-tmintax ta’ April 2006 ghal habta tat-tlieta w kwart ta’ wara nofsinhar fi Triq s-Sellur, M’Scala, flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkommetta serq ta' basket b'ghadd t'affarijeit minn fuq il-persuna ta' Josephine Farrugia, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin, ghad-dannu ta' l-istess Josephine Farrugia;

2. talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 590 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-hmistax ta' Settembru 2006 [fol 43], kif wkoll l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Lawrence Quintano [fol 170 etr seq], kif wkoll sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tal-imputat nhar t-tlettax ta' Lulju 1993 [fol 63] w is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Jacqueline Padovani nhar s-sitta ta' Marzu 1996 [fol 66].

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sittax ta' Mejju 2007 [fol 165] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tal-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2007 [fol 166] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lil Ufficjal Prosekutur jitlob s-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-imputat odjern stante l-ammissjoni ttieghu kif registrata fis-seduta tat-tlettax ta' Novembru 2006 w il-Qorti laqghet t-talba w iddiferit il-kawza odjerna ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat Noel Saliba.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena, il-Qorti esaminat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Noel Saliba a tempo vergine tal-investigazzjoni esibita fl-atti a fol 43 bhala dokument JM 5 u li l-imputat ma kkopera xejn mal-prosekuzzjoni waqt l-investigazzjoni.

Illi pero fis-seduta ta’ wara li tressaq il-Qorti u cioe nhar t-tlettax ta’ Novembru 2006, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, huwa rregistra ammissjoni w ghalhekk fil-konfront tieghu il-Qorti qed issibu hati tar-reat ta’ serq aggravat bil-valur u talli huwa recidiv.

Rat wkoll l-fedina penali ta’ l-imputat Noel Saliba esibita bhala dokument CSH 3 a fol 8 tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu tlieta w tletin sena, diga tressaq il-Qorti sebgha darbiet w instab hati fuq reat ta’ hsara voluntarja, diversi serqiet, pussess ta’ strument bil-ponta li jaqta, reati kontra l-Ordinanza tat-traffiku, meta nghata probation, prigunerija sospiza, prigunerija effettiva u xi hlas ta’ amendi, izda dan nonostante ma tghallimx mill-esperjenzi tieghu u rega’ jinstab il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Illi ghalhekk, l-Qorti rat li l-piena li tista taghti f’dan il-kaz hija dik proposta fl-artikolu 279(a) u cioe prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tlett snin u bl-applikazzjoni tal-artikolu 49 tal-Kap 50 il-piena tista tghola bi grad jew tnejn u il-piena massima hija dik ta’ tlett snin sa hames snin jekk il-Qorti tigi biex timponi l-massimu waqt li l-minimu jibqa hames xhur (minghajr applikazzjoni tal-piena ghar-recidiva).

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fil-bidu nett tal-proceduri ghalkemm ma kienx irregistra ammissjoni fl-istqarrija tieghu w ghalhekk a bazi ta’ din l-ammissjoni, il-Qorti, peress li thoss li l-imputat ghandu fedina penali reflettarju w ghalhekk il-piena ghandha tirrifletti tali cirkostanzi.

Illi ghalhekk **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 261(c), 267, 279, 279(1) 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat NOEL SALIBA hati ta' tal-akkuza ta' serq aggravat u talli huwa recidiv u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax (18) il-xahar.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas nofs l-ispejjes involuti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe l-ammont ta' tlieta w hamsin lira maltin u hamsa w sebghin centezmu (LM53.75) u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri maltin dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------